Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 13 ta' Ġunju 2023
(OR. en)

10587/23

ACP 50
FIN 630
PTOM 7

**NOTA TA' TRAŻMISSJONI**

| | |
|---|---|
| minn: | Is-Segretarju Ġenerali tal-Kummissjoni Ewropea, iffirmata mis-Sa Martine DEPREZ, Direttur |
| data meta waslet: | 13 ta' Ġunju 2023 |
| lil: | Is-Sa Thérèse BLANCHET, Segretarju Ġenerali tal-Kunsill tal-Unjoni Ewropea |
| Nru dok. Cion: | COM(2023) 293 final |
| Suġġett: | KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL Informazzjoni Finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ): L-eżekuzzjoni finanzjarja tal-2022 u l-previżjonijiet għall-2023-2026 |

Id-delegazzjonijiet isibu mehmuż id-dokument COM(2023) 293 final.

---

Mehmuż: COM(2023) 293 final

IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 13.6.2023
COM(2023) 293 final

# KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

## Informazzjoni Finanzjarja dwar il-Fond Ewropew għall-Iżvilupp

## Fond Ewropew għall-Iżvilupp (FEŻ): L-eżekuzzjoni finanzjarja tal-2022 u l-previżjonijiet għall-2023-2026

# 1. DAĦLA[1]

Skont l-Artikolu 19(4) tar-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877[2] dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (minn hawn 'il quddiem imsejjaħ "ir-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ"), f'dan id-dokument il-Kummissjoni tippreżenta l-impenji[3], il-pagamenti u l-kontribuzzjonijiet li saru fl-2022 li għandhom isiru fl-2023 u fl-2024, filwaqt li tikkunsidra l-previżjonijiet tal-Bank Ewropew tal-Investiment (BEI).

Dan id-dokument jistabbilixxi l-implimentazzjoni finanzjarja tal-FEŻ (mid-disa' wieħed sal-11-il wieħed) għall-2022, u l-previżjonijiet tal-implimentazzjoni għall-2023 u l-2024.

Il-partijiet għall-Fond Ewropew għall-Iżvilupp jikkontribwixxu fondi direttament lill-Bank Ewropew tal-Investiment għall-istrumenti li jamministra taħt id-9, l-10 u l-11-il FEŻ (il-Faċilità ta' Investiment u sussidji tar-rati tal-imgħax).

# 2. INTRODUZZJONI

Il-Kummissjoni u l-BEI aġġornaw il-previżjonijiet tagħhom għall-2023 u l-2024 għal kull pajjiż Afrikan, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) u għall-pajjiżi u t-territorji Extra-Ewropej (PTEE). B'mod partikolari, il-previżjonijiet tal-pagamenti ġew ikkumpilati bl-għan li tingħata għajnuna lill-partijiet fil-Fond Ewropew għall-Iżvilupp sabiex dawn jivvalutaw bl-aktar mod preċiż possibbli l-ammonti li jeħtiġilhom jallokaw mill-baġits nazzjonali tagħhom filwaqt li jiżguraw li jkun hemm biżżejjed riżorsi finanzjarji disponibbli għall-FEŻ sabiex jiġu evitati problemi ta' likwidità.

F'konformità mal-Artikolu 19(4) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, l-istimi tal-impenji u tal-pagamenti ġew aġġornati skont l-aktar previżjonijiet riċenti.

Il-graff ta' hawn taħt turi l-evoluzzjoni ġenerali fl-impenji u fil-pagamenti grossi mill-1999 sal-2022, u l-projezzjonijiet għall-perjodu mill-2023 sal-2024 (l-ammonti akkumulati tal-Kummissjoni u tal-BEI).

---

1 Dan id-dokument iqis l-Artikoli 152 u 153 tal-ftehim dwar il-ħruġ tar-Renju Unit tal-Gran Brittannja u l-Irlanda ta' Fuq mill-Unjoni Ewropea u mill-Komunità Ewropea tal-Enerġija Atomika, li jistipulaw li r-Renju Unit għandu jibqa' parti tal-FEŻ sal-għeluq tal-11-il FEŻ u tal-FEŻ kollha preċedenti li ma ngħalqux; madankollu, is-sehem tar-Renju Unit f'fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-11-il FEŻ jew ta' FEŻ preċedenti ma għandux jerġa' jintuża.

2 Ir-Regolament tal-Kunsill (UE) 2018/1877 tas-26 ta' Novembru 2018 dwar ir-Regolament Finanzjarju applikabbli għall-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp (ĠU L 307, 3.12.2018, p. 1–21).

3 L-impenji tal-fondi li jirriżultaw mill-użu mill-ġdid tal-10 u l-11-il FEŻ skont id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1223 tat-12 ta' Lulju 2022 dwar l-allokazzjoni ta' fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-10 u l-11-il Fond Ewropew għall-Iżvilupp bil-għan li jiġu ffinanzjati azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

## Impenji u pagamenti grossi: ix-xejra 1999-2024 (f'miljuni ta' EUR)




| | 1999 | 2000 | 2001 | 2002 | 2003 | 2004 | 2005 | 2006 | 2007 | 2008 | 2009 | 2010 | 2011 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| COMMITMENTS | 2,958 | 4,007 | 1,927 | 2,125 | 4,137 | 2,972 | 4,020 | 4,049 | 3,922 | 5,241 | 4,158 | 3,113 | 3,740 |
| PAYMENTS | 1,352 | 1,640 | 1,779 | 1,922 | 2,349 | 2,558 | 2,704 | 3,062 | 3,251 | 3,483 | 3,359 | 3,660 | 3,308 |

| | 2012 | 2013 | 2014 | 2015 | 2016 | 2017 | 2018 | 2019 | 2020 | 2021 | 2022 | 2023* | 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| COMMITMENTS | 4,430 | 5,600 | 1,764 | 6,083 | 7,797 | 6,885 | 6,089 | 5,300 | 5,947 | 179 | 600 | 0 | 0 |
| PAYMENTS | 3,675 | 3,383 | 3,943 | 3,583 | 4,095 | 4,712 | 4,505 | 4,365 | 5,345 | 4,048 | 2,913 | 2,858 | 1,867 |

Nota: Iċ-ċifri mill-implimentazzjoni tal-Fondi Ewropej għall-Iżvilupp sal-31 ta' Diċembru 2022 (l-impenji u l-pagamenti) u l-previżjonijiet għall-2023-2024. Billi l-klawsola ta' estinzjoni tal-11-il FEŻ skadiet fl-31.12.2020, ma hemm l-ebda impenn ġdid, bl-eċċezzjoni ta':

(1) il-fondi li jirriżultaw minn rimborżi taħt il-Faċilità ta' Investiment tal-AKP minn operazzjonijiet fl-ambitu tad-9, l-10 u l-11-il FEŻ (ref.: l-estensjoni tal-Faċilità ta' Investiment sal-2021 bid-Deċiżjoni tal-Kunsill 2020/2233), u

(2) l-impenji tal-fondi li jirriżultaw minn użu mill-ġdid tar-riżerva tal-10 u l-11-il FEŻ skont id-Deċiżjoni tal-Kunsill 2022/1223 (il-paġna 147), rigward il-miżuri speċjali għar-rispons tal-UE għall-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomiku fil-pajjiżi Afrikani, tal-Karibew u tal-Paċifiku (AKP) wara l-gwerra ta' aggressjoni tar-Russja kontra l-Ukrajna.

## 3. L-EFFETTIVI FINANZJARJI TAL-2022 U L-PREVIŻJONIJIET GĦALL-2023 - 2024 (F'MILJUNI TA' EUR)

It-tabella li ġejja tipprovdi aġġornament tal-impenji, tal-pagamenti u tal-kontribuzzjonijiet, abbażi tal-aktar previżjonijiet riċenti tal-Kummissjoni.

| **Effettivi għall-2022 u l-Previżjonijiet 2023-2024 (*)** | | **2022** | **2023** | **2024** |
|---|---|---|---|---|
| Impenji | Il-Kummissjoni**<br>BEI<br>Total | 600<br>0<br>600 | 0<br>0<br>0 | 0<br>0<br>0 |
| Pagamenti | Il-Kummissjoni<br>BEI<br>Total | 2 452<br>461<br>2 913 | 2 000<br>858<br>2 858 | 1 300<br>567<br>1 867 |
| Kontribuzzjonijiet | Il-Kummissjoni (il-11-il FEŻ)<br>BEI (il-11-il FEŻ)<br>Total | 2 500<br>300<br>2 800 | 1 800<br>300<br>2 100 | 1 200<br>300<br>1 500 |

* Ammonti grossi, jiġifieri ma tnaqqas l-ebda diżimpenn jew irkupru/rimborż. Dan l-approċċ huwa konformi ma' dak użat għall-baġit ġenerali tal-UE.

** L-impenji tal-fondi li jirriżultaw mill-użu mill-ġdid tar-riżerva tal-10 u l-11-il FEŻ skont id-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1223 tat-12 ta' Lulju 2022 (il-paġna 147) dwar il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel.

## 4. STIMI MHUX VINKOLANTI TAL-KONTRIBUZZJONIJIET GĦALL-2025-2026 (F'MILJUNI TA' EUR)

| Previżjonijiet 2025-2026 (*) | | 2025 | 2026 |
|---|---|---|---|
| Kontribuzzjonijiet | Il-Kummissjoni (il-11-il FEŻ)<br>BEI (il-11-il FEŻ)** | 800<br>9 | 600<br>0 |
| | Total | 809 | 600 |

*L-Artikolu 19(2) tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ (UE 2018/1877): previżjoni indikattiva u mhux vinkolanti bbażata fuq approċċ statistiku għall-ammonti annwali ta' kontribuzzjonijiet mistennija

** Abbażi tal-previżjonijiet attwali, il-BEI se jkun talab s-sehem kollu tiegħu tal-11-il FEŻ sal-aħħar tal-2025.

## 5. IMPLIMENTAZZJONI FINANZJARJA GĦALL-2022, PREVIŻJONIJIET GĦALL-2023 U L-2024[4]

*Implimentazzjoni finanzjarja għall-2022*

Skont l-Artikolu 1(4) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ, il-fondi diżimpenjati minn proġetti fl-ambitu tal-10 FEŻ jew minn FEŻ preċedenti wara l-31 ta'Diċmbru 2013 ma għandhomx jiġu impenjati, dment li l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, ma jiddeċidix mod ieħor. Skont l-Artikolu 1(5) tal-Ftehim Intern tal-11-il FEŻ, il-fondi tal-11 FEŻ ma għandhomx jiġu impenjati wara l-31 ta' Diċembru 2020 dment li l-Kunsill, li jaġixxi b'mod unanimu fuq proposta tal-Kummissjoni, ma jiddeċidix mod ieħor. Fl-2022 il-Kunsill iddeċieda b'mod unanimu li juża mill-ġdid EUR 600 miljun ta' fondi diżimpenjati mill-10 u mill-11-il FEŻ, biex jiffinanzja l-azzjonijiet li jindirizzaw il-kriżi tas-sigurtà tal-ikel u x-xokk ekonomikiu fil-pajjiżi AKP wara l-aggressjoni militari tar-Russja kontra l-Ukrajna[5].

Il-Kummissjoni diġà impenjat dawn is-EUR 600 miljun fl-2022 u ħallset EUR 221 miljun.

Fl-2022, il-FEŻ ħallas EUR 2 452 miljun. Dan huwa 98,08 % apparagun tal-mira annwali ta' EUR 2 500 miljun li ġew ikkomunikati lill-Kunsill.

*Previżjonijiet għall-2023 u l-2024*

Fir-rigward tal-istima tal-pagamenti għall-2023 u l-2024, żidna l-istima għall-2023 minn EUR 1 800 miljun għal EUR 2 000 miljun, f'konformità mal-aħħar previżjonijiet disponibbli. Il-previżjoni tagħna tal-pagamenti għall-2024 tibqa' l-istess.

Rigward il-kontribuzzjonijiet tal-partijiet tal-FEŻ, aħna nnaqqsu l-ammont annwali għas-sena 2024 għal EUR 1 200 miljun (tnaqqis ta' EUR 100 miljun apparagun mal-Komunikazzjoni preċedenti).

[4] Iċ-ċifri ppreżentati f'din il-preżentazzjoni jikkonċernaw biss lill-Kummissjoni Ewropea; iċ-ċifri għall-BEI huma inklużi fit-tabella 3.

[5] ID-DEĊIŻJONI TAL-KUNSILL (UE) 2022/1223 tat-12 ta' Lulju 2022. B'mod partikolari, il-fondi jiffinanzjaw azzjonijiet li jipprovdu appoġġ sa EUR 350 000 000 għall-produzzjoni tal-ikel u għar-reżiljenza tas-sistemi tal-ikel, sa EUR 100 000 000 għall-appoġġ makroekonomiku u sa EUR 150 000 000 għall-assistenza umanitarja.

Għalhekk, it-teżor stmat fi tmiem l-2024 jonqos għal EUR 470 miljun[6].

Rigward ir-riżerva tat-8 u tad-9 FEŻ, diġà kien hemm erba' rifużjonijiet favur "l-Istati Membri EU-15" li jammontaw b'kollox għal EUR 1 911 miljun. It-8 FEŻ ingħalaq fl-2021. Il-Kummissjoni se tkompli tirrifondi kwalunkwe bilanċ li jifdal fid-9 FEŻ darba fis-sena sal-għeluq tad-9 FEŻ (stmat fl-2024) u sar-restituzzjoni sħiħa ta' fondi mhux impenjati jew diżimpenjati.

Dwar ir-riżerva tal-10 u tal-11-il FEŻ ir-Renju Unit talab formalment f'Marzu 2023 li l-Kumissjoni tirrimborża din is-sena s-sehem pendenti tiegħu tar-riżervi billi tpaċi l-kontribuzzjoni pendenti tiegħu fil-FEŻ għall-2023 (EUR 154,12 miljun). Mill-2024 (għall-fondi li se jibqgħu jiġu diżimpenjati) ir-Renju Unit talab li nkomplu bi "tpaċija" regolari. Din it-talba hija konformi mal-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, li jistipula li s-sehem tar-Renju Unit mir-riżervi tal-FEŻ ma jistax jerġa' jintuża. Dan se jidħol fis-seħħ mit-tieni pagament parzjali tal-2023.

***Hemżiet***

L-Hemżiet 1, 2 u 3 juru l-effettivi għall-2022 u l-previżjonijiet tal-pagamenti għall-perjodu 2023-2024. Is-sitwazzjoni finanzjarja għal kull sena titqabbel mal-previżjonijiet ikkomunikati qabel.

L-Hemżiet 4 u 5 juru l-kontribuzzjonijiet għall-2023 u għall-2024 skont kull pagament parzjali u skont kull Stat Membru u għar-Renju Unit (UK), rispettivament.

L-Hemża 6 turi l-kontribuzzjonijiet annwali għall-perjodu 2023-2026 skont kull Stat Membru u għar-Renju Unit.

L-Hemża 7 turi l-istat tar-riżervi ta' fondi diżimpenjati għal kull FEŻ fil-31.12.22.

[6] L-analiżi tat-teżor hija ppreżentata fit-tabella 5.3

## 5.1. Hemża 1: Impenji reali[7] għall-2022, u Previżjonijiet għall-2023 u l-2024 (f'miljuni ta' EUR)

| | Ċifri għall-2022 | | Ċifri għall-2023 | | Ċifri għall-2024 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 |
| Reġjuni | | | | | | |
| L-Afrika tal-Lvant u Ċentrali | | | | | | |
| Il-Punent u n-Nofsinhar tal-Afrika | | | | | | |
| Il-Karibew | | | | | | |
| Il-Paċifiku | | | | | | |
| **Subtotal** | | | | | | |
| Oħrajn | | | | | | |
| Miżuri speċjali għas-Sigurtà tal-Ikel | 600 | **600** | | | | |
| L-Iżvilupp tal-Bniedem, id-Drittijiet tal-bniedem | | | | | | |
| UE-Afrika, il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika | | | | | | |
| EUTF Afrika | | | | | | |
| Il-Pjaneta u l-Prosperità | | | | | | |
| Ir-Riżorsi, l-Evalwazzjoni, il-Proċess | | | | | | |
| DĠ ECHO, EACEA, DĠ EAC | | | | | | |
| **Subtotal** | | | | | | |
| **Total tal-Kummissjoni Ewropea** | 600 | **600** | 0 | **0** | 0 | **0** |
| Sussidji tal-Faċilità ta' Investiment (*) | | **0** | | **0** | | **0** |
| **Total tal-BEI** | 0 | **0** | 0 | **0** | 0 | **0** |
| **TOTAL KE+BEI** | 600 | **600** | 0 | **0** | 0 | **0** |

* Inkluż is-sussidju għall-assistenza teknika u s-sussidji tar-rati tal-imgħax mill-FEŻ attwali u l-iżborż tal-IRS skont il-FEŻ preċedenti

| | Ċifri għall-2022 | | Ċifri għall-2023 | | Ċifri għall-2024 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 |
| Fond rotanti tal-faċilità ta' investiment** | 0 | **0** | | **0** | | **0** |

[7] Impenji grossi, jiġifieri mingħajr it-tnaqqis tad-diżimpenji.

**L-impenn skont il-fond rotanti ma jistax jiġi assimilat ma’ impenji baġitarji. Għaldaqstant għandu jiġi rrapportat separatament.

## 5.2. Hemża 2: Pagamenti reali[8] għall-2022, u l-previżjonijiet għall-2023 u l-2024 (f'EUR miljun)

| | Ċifri għall-2022 | | Ċifri għall-2023 | | Ċifri għall-2024 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 |
| Reġjuni | | | | | | |
| L-Afrika tal-Lvant u Ċentrali | 425 | 430 | | 440 | | |
| Il-Punent u n-Nofsinhar tal-Afrika | 975 | 910 | | 785 | | |
| Il-Karibew | 115 | 90 | | 146 | | |
| Il-Paċifiku | 79 | 85 | | 89 | | |
| Subtotal* | 1 594 | 1 516 | | 1 461 | | |
| Oħrajn | | | | | | |
| Miżuri speċjali għas-Sigurtà tal-Ikel | 211 | 221 | | 89 | | |
| L-Iżvilupp tal-Bniedem, id-Drittijiet tal-bniedem | 46 | 54 | | 16 | | |
| UE-Afrika, il-Faċilità għall-Paċi fl-Afrika | 97 | 78 | | 33 | | |
| EUTF Afrika | 318 | 330 | | 224 | | |
| Il-Pjaneta u l-Prosperità | 175 | 187 | | 112 | | |
| Ir-Riżorsi, l-Evalwazzjoni, il-Proċess | 51 | 44 | | **46** | | |
| DĠ ECHO, EACEA, DĠ EAC | 8 | 22 | | 19 | | |
| Subtotal* | 906 | 937 | | 539 | | |
| **Total tal-Kummissjoni Ewropea*** | **2 500** | **2 452** | **1 800** | **2 000** | **1 300** | **1 300** |
| Sussidji tal-Faċilità ta' Investiment (**) | 233 | 61 | 208 | 208 | 151 | 151 |
| **Total tal-BEI*** ** | **233** | **61** | **208** | **208** | **151** | **151** |
| **TOTAL tal-Kummissjoni Ewropea + il-BEI*** | **2 733** | **2 513** | **2 008** | **2 208** | **1 451** | **1 451** |

*Minħabba li l-effetti tal-ittondjar, is-somma tal-ammonti individwali ttondjati tista' tvarja xi ftit mit-totali korrispondenti

** Inkluż is-sussidju għall-assistenza teknika u s-sussidji tar-rati tal-imgħax mill-FEŻ attwali u l-iżborż tal-IRS skont il-FEŻ preċedenti

| | Ċifri għall-2022 | | Ċifri għall-2023 | | Ċifri għall-2024 | |
|---|---|---|---|---|---|---|
| | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 | Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 | Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 |
| Fond rotanti tal-faċilità ta' investiment *** | 754 | 400 | 650 | 650 | 416 | 416 |

[8] Pagamenti grossi, jiġifieri, mingħajr ma jitnaqqsu l-irkupri.

*** L-iżborż skont il-fond rotanti ma jistax jiġi assimilat mal-ħlas baġitarju gross. Għaldaqstant għandu jiġi rrapportat separatament.

## 5.3. Hemża 3: Is-sitwazzjoni finanzjarja għall-2022, il-previżjonijiet għall-2023-2024 u l-istimi mhux vinkolanti għall-2025-2026 (f'miljuni ta' EUR)

| | | Il-Komunikazzjoni ta' Ottubru 2022 [1] | | | Il-Komunikazzjoni ta' Ġunju 2023 [1] | | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | **Il-Kummissjoni** | **BEI** | **TOTAL** | **Il-Kummissjoni** | **BEI** | **TOTAL** |
| | **Bilanċ fil-31/12/2021 [4,6]** | **994** | **472** | **1 467** | **994** | **472** | **1 467** |
| **2022** | **Kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2022:** | **2 500** | **300** | **2 800** | **2 500** | **300** | **2 800** |
| | *L-ewwel pagament parzjali* | 1 100 | 100 | 1 200 | 1 100 | 100 | 1 200 |
| | *It-tieni pagament parzjali* | 800 | 100 | 900 | 800 | 100 | 900 |
| | *It-tielet pagament parzjali* | 600 | 100 | 700 | 600 | 100 | 700 |
| | Rimborżi [2] | | 348 | 348 | | 533 | 533 |
| | Kontrib. u Aġġust. tal-2022 li waslu fl-2021 | - 156 | | - 156 | - 156 | | - 156 |
| | Kontrib. u Aġġust. tal-2023 li waslu fl-2022 | | | | 105 | | 105 |
| | Irkupri, imgħax u aġġustament | 40 | | 40 | 80 | | 80 |
| | Rifużjoni tad-9 FEŻ lill-Istati Membri u lir-Renju Unit | - 43 | | - 43 | - 43 | | - 43 |
| | Total tal-pagamenti [3] | - 2 500 | - 987 | - 3 487 | - 2 452 | - 461 | - 2 913 |
| | Bilanċ fil-31/12/2022 [4,6] | **835** | **133** | **969** | **1 028** | **844** | **1 872** |
| **2023** | **Kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2023:** | **1 800** | **300** | **2 100** | **1 800** | **300** | **2 100** |
| | *L-ewwel pagament parzjali* | 750 | 100 | 850 | 750 | 100 | |
| | *It-tieni pagament parzjali* | 650 | 100 | 750 | 650 | 100 | |
| | *It-tielet pagament parzjali* | 400 | 100 | 500 | 400 | 100 | |
| | Rimborżi [2] | | 384 | 384 | | 384 | 384 |
| | Kontrib. u Aġġust. tal-2023 li waslu fl-2022 | | | | - 105 | | - 105 |
| | Irkupri, imgħax u aġġustament | 30 | | 30 | 60 | | 60 |
| | Rifużjoni tad-9 FEŻ lill-Istati Membri u lir-Renju Unit | -42,5 | | -42,5 | -42,5 | | - 42,5 |
| | Rifużjoni tal-10 u tal-11-il FEŻ lir-Renju Unit | | | | -154,1 | | - 154,1 |
| | Total tal-pagamenti [3] | - 1 800 | - 858 | - 2 658 | - 2 000 | - 858 | - 2 858 |
| | Bilanċ fil-31/12/2023 [4,6] | **823** | **- 41** | **782** | **586** | **670** | **1 256** |
| **2024** | **Kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2024:** | **1 300** | **300** | **1 600** | **1 200** | **300** | **1 500** |
| | *L-ewwel pagament parzjali* | 600 | 100 | 700 | 550 | 100 | |
| | *It-tieni pagament parzjali* | 400 | 100 | 500 | 400 | 100 | |
| | *It-tielet pagament parzjali* | 300 | 100 | 400 | 250 | 100 | |
| | Rimborżi [2] | | 381 | 381 | | 381 | 381 |
| | Irkupri, imgħax u aġġustament | | | | 60 | | 60 |
| | Rifużjoni tal-10 u tal-11-il FEŻ lir-Renju Unit[7] | | | | - 68[7] | | -68 |
| | Rifużjoni tad-9 FEŻ lill-Istati Membri u lir-Renju Unit[7] | | | | - 8[7] | | -8 |
| | Total tal-pagamenti [3] | - 1 300 | - 567 | - 1 867 | - 1 300 | - 567 | - 1 867 |
| | **Bilanċ fil-31/12/2024 [4,6]** | **823** | **73** | **896** | **470** | **784** | **1 255** |
| **2025** | **Kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2025 [5]** | **900** | **9** | **909** | **800** | **9** | **809** |
| **2026** | **Kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2026 [5]** | **600** | **0** | **600** | **600** | | **600** |

1 Fondi disponibbli għall-operazzjonijiet;

2 Bl-esklużjoni tat-tħassir, tat-tariffi ta' ġestjoni tal-BEI u ta' kostijiet oħra bħal swaps/iħħeġġjar; mhux inkluż is-sehem tar-rimborżi tar-Renju Unit,
skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ dawn ma għandhomx jerġgħu jintużaw. Irreferi għad-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-FI għad-dettalji kollha.

3 Bl-inklużjoni tas-sussidji tar-rati tal-imgħax skont il-FEŻ preċedenti;

4 Il-bilanċi ma jinkludux: (i) Kofinanzjamenti riċevuti, (ii) Riċevuti bankarji li jkunu għadhom ma ġewx allokati għal linja speċifika tal-FEŻ

[5] L-Artikolu 19(2)(d): ir-Regolament Finanzjarju: previżjoni mhux vinkolanti bbażata fuq approċċ statistiku għall-kontribuzzjonijiet annwali mistennija

[6] Il-bilanċ tal-BEI huwa relatat man-natura tal-Faċilità ta' Investiment. Jekk jogħġbok ikkonsulta d-Dikjarazzjonijiet Finanzjarji tal-FI biex tarah kollu kemm hu u għall-bilanċ iddettaljat fl-aħħar tas-sena.

[7] Din hija stima approssimattiva ħafna bbażata fuq analiżi storika tar-rata ta' diżimpenn ta' FEŻ preċedenti

## 5.4. Hemża 4: Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2023 (EUR)*

| L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT | Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ (%) | L-ewwel pagament parzjali | | It-tieni pagament parzjali | | It-tielet pagament parzjali | | Total Il-Kummissjoni | Total tal-BEI | Total 2023 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | | | |
| **IL-BELĠJU** | 3,24927 | 24 369 525 | 3 249 270 | 21 120 255 | 3 249 270 | 12 997 080 | 3 249 270 | 58 486 860 | 9 747 810 | 68 234 670 |
| **IL-BULGARIJA** | 0,21853 | 1 638 975 | 218 530 | 1 420 445 | 218 530 | 874 120 | 218 530 | 3 933 540 | 655 590 | 4 589 130 |
| **IĊ-ĊEKJA** | 0,79745 | 5 980 875 | 797 450 | 5 183 425 | 797 450 | 3 189 800 | 797 450 | 14 354 100 | 2 392 350 | 16 746 450 |
| **ID-DANIMARKA** | 1,98045 | 14 853 375 | 1 980 450 | 12 872 925 | 1 980 450 | 7 921 800 | 1 980 450 | 35 648 100 | 5 941 350 | 41 589 450 |
| **IL-ĠERMANJA** | 20,57980 | 154 348 500 | 20 579 800 | 133 768 700 | 20 579 800 | 82 319 200 | 20 579 800 | 370 436 400 | 61 739 400 | 432 175 800 |
| **L-ESTONJA** | 0,08635 | 647 625 | 86 350 | 561 275 | 86 350 | 345 400 | 86 350 | 1 554 300 | 259 050 | 1 813 350 |
| **L-IRLANDA** | 0,94006 | 7 050 450 | 940 060 | 6 110 390 | 940 060 | 3 760 240 | 940 060 | 16 921 080 | 2 820 180 | 19 741 260 |
| **IL-GREĊJA** | 1,50735 | 11 305 125 | 1 507 350 | 9 797 775 | 1 507 350 | 6 029 400 | 1 507 350 | 27 132 300 | 4 522 050 | 31 654 350 |
| **SPANJA** | 7,93248 | 59 493 600 | 7 932 480 | 51 561 120 | 7 932 480 | 31 729 920 | 7 932 480 | 142 784 640 | 23 797 440 | 166 582 080 |
| **FRANZA** | 17,81269 | 133 595 175 | 17 812 690 | 115 782 485 | 17 812 690 | 71 250 760 | 17 812 690 | 320 628 420 | 53 438 070 | 374 066 490 |
| **IL-KROAZJA** | 0,22518 | 1 688 850 | 225 180 | 1 463 670 | 225 180 | 900 720 | 225 180 | 4 053 240 | 675 540 | 4 728 780 |
| **L-ITALJA** | 12,53009 | 93 975 675 | 12 530 090 | 81 445 585 | 12 530 090 | 50 120 360 | 12 530 090 | 225 541 620 | 37 590 270 | 263 131 890 |
| **ĊIPRU** | 0,11162 | 837 150 | 111 620 | 725 530 | 111 620 | 446 480 | 111 620 | 2 009 160 | 334 860 | 2 344 020 |
| **IL-LATVJA** | 0,11612 | 870 900 | 116 120 | 754 780 | 116 120 | 464 480 | 116 120 | 2 090 160 | 348 360 | 2 438 520 |
| **IL-LITWANJA** | 0,18077 | 1 355 775 | 180 770 | 1 175 005 | 180 770 | 723 080 | 180 770 | 3 253 860 | 542 310 | 3 796 170 |
| **IL-LUSSEMBURGU** | 0,25509 | 1 913 175 | 255 090 | 1 658 085 | 255 090 | 1 020 360 | 255 090 | 4 591 620 | 765 270 | 5 356 890 |
| **L-UNGERIJA** | 0,61456 | 4 609 200 | 614 560 | 3 994 640 | 614 560 | 2 458 240 | 614 560 | 11 062 080 | 1 843 680 | 12 905 760 |
| **MALTA** | 0,03801 | 285 075 | 38 010 | 247 065 | 38 010 | 152 040 | 38 010 | 684 180 | 114 030 | 798 210 |
| **IN-NETHERLANDS** | 4,77678 | 35 825 850 | 4 776 780 | 31 049 070 | 4 776 780 | 19 107 120 | 4 776 780 | 85 982 040 | 14 330 340 | 100 312 380 |
| **L-AWSTRIJA** | 2,39757 | 17 981 775 | 2 397 570 | 15 584 205 | 2 397 570 | 9 590 280 | 2 397 570 | 43 156 260 | 7 192 710 | 50 348 970 |
| **IL-POLONJA** | 2,00734 | 15 055 050 | 2 007 340 | 13 047 710 | 2 007 340 | 8 029 360 | 2 007 340 | 36 132 120 | 6 022 020 | 42 154 140 |
| **IL-PORTUGALL** | 1,19679 | 8 975 925 | 1 196 790 | 7 779 135 | 1 196 790 | 4 787 160 | 1 196 790 | 21 542 220 | 3 590 370 | 25 132 590 |
| **IR-RUMANIJA** | 0,71815 | 5 386 125 | 718 150 | 4 667 975 | 718 150 | 2 872 600 | 718 150 | 12 926 700 | 2 154 450 | 15 081 150 |
| **IS-SLOVENJA** | 0,22452 | 1 683 900 | 224 520 | 1 459 380 | 224 520 | 898 080 | 224 520 | 4 041 360 | 673 560 | 4 714 920 |
| **IS-SLOVAKKJA** | 0,37616 | 2 821 200 | 376 160 | 2 445 040 | 376 160 | 1 504 640 | 376 160 | 6 770 880 | 1 128 480 | 7 899 360 |
| **IL-FINLANDJA** | 1,50909 | 11 318 175 | 1 509 090 | 9 809 085 | 1 509 090 | 6 036 360 | 1 509 090 | 27 163 620 | 4 527 270 | 31 690 890 |
| **L-IŻVEZJA** | 2,93911 | 22 043 325 | 2 939 110 | 19 104 215 | 2 939 110 | 11 756 440 | 2 939 110 | 52 903 980 | 8 817 330 | 61 721 310 |
| **IR-RENJU UNIT*** | 14,67862 | 110 089 650 | 14 678 620 | 95 411 030 | 14 678 620 | 58 714 480 | 14 678 620 | 264 215 160 | 44 035 860 | 308 251 020 |
| **TOTAL TAL-EU-27 U R-RENJU UNIT** | **100,00** | **750 000 000** | **100 000 000** | **650 000 000** | **100 000 000** | **400 000 000** | **100 000 000** | **1 800 000 000** | **300 000 000** | **2 100 000 000** |

* L-ammont ta' kontribuzzjonijiet ippreżentat fit-tabella ma jinkludix ir-rifużjoni possibbli tal-fondi diżimpenjati tad-9 FEŻ lill-Istati Membri u lir-Renju Unit; u lanqas ir-rifużjoni tal-fondi diżimpenjati tal-10 u tal-11-il FEŻ lir-Renju Unit.

## 5.5. Hemża 5: Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2024 (EUR)*

| L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT | Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ (%) | L-ewwel pagament parzjali | | It-tieni pagament parzjali | | It-tielet pagament parzjali | | Total Il-Kummissjoni | Total tal-BEI | Total 2024 |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | | | |
| IL-BELĠJU | 3,24927 | 17 870 985 | 3 249 270 | 12 997 080 | 3 249 270 | 8 123 175 | 3 249 270 | 38 991 240 | 9 747 810 | 48 739 050 |
| IL-BULGARIJA | 0,21853 | 1 201 915 | 218 530 | 874 120 | 218 530 | 546 325 | 218 530 | 2 622 360 | 655 590 | 3 277 950 |
| IĊ-ĊEKJA | 0,79745 | 4 385 975 | 797 450 | 3 189 800 | 797 450 | 1 993 625 | 797 450 | 9 569 400 | 2 392 350 | 11 961 750 |
| ID-DANIMARKA | 1,98045 | 10 892 475 | 1 980 450 | 7 921 800 | 1 980 450 | 4 951 125 | 1 980 450 | 23 765 400 | 5 941 350 | 29 706 750 |
| IL-ĠERMANJA | 20,57980 | 113 188 900 | 20 579 800 | 82 319 200 | 20 579 800 | 51 449 500 | 20 579 800 | 246 957 600 | 61 739 400 | 308 697 000 |
| L-ESTONJA | 0,08635 | 474 925 | 86 350 | 345 400 | 86 350 | 215 875 | 86 350 | 1 036 200 | 259 050 | 1 295 250 |
| L-IRLANDA | 0,94006 | 5 170 330 | 940 060 | 3 760 240 | 940 060 | 2 350 150 | 940 060 | 11 280 720 | 2 820 180 | 14 100 900 |
| IL-GREĊJA | 1,50735 | 8 290 425 | 1 507 350 | 6 029 400 | 1 507 350 | 3 768 375 | 1 507 350 | 18 088 200 | 4 522 050 | 22 610 250 |
| SPANJA | 7,93248 | 43 628 640 | 7 932 480 | 31 729 920 | 7 932 480 | 19 831 200 | 7 932 480 | 95 189 760 | 23 797 440 | 118 987 200 |
| FRANZA | 17,81269 | 97 969 795 | 17 812 690 | 71 250 760 | 17 812 690 | 44 531 725 | 17 812 690 | 213 752 280 | 53 438 070 | 267 190 350 |
| IL-KROAZJA | 0,22518 | 1 238 490 | 225 180 | 900 720 | 225 180 | 562 950 | 225 180 | 2 702 160 | 675 540 | 3 377 700 |
| L-ITALJA | 12,53009 | 68 915 495 | 12 530 090 | 50 120 360 | 12 530 090 | 31 325 225 | 12 530 090 | 150 361 080 | 37 590 270 | 187 951 350 |
| ĊIPRU | 0,11162 | 613 910 | 111 620 | 446 480 | 111 620 | 279 050 | 111 620 | 1 339 440 | 334 860 | 1 674 300 |
| IL-LATVJA | 0,11612 | 638 660 | 116 120 | 464 480 | 116 120 | 290 300 | 116 120 | 1 393 440 | 348 360 | 1 741 800 |
| IL-LITWANJA | 0,18077 | 994 235 | 180 770 | 723 080 | 180 770 | 451 925 | 180 770 | 2 169 240 | 542 310 | 2 711 550 |
| IL-LUSSEMBURGU | 0,25509 | 1 402 995 | 255 090 | 1 020 360 | 255 090 | 637 725 | 255 090 | 3 061 080 | 765 270 | 3 826 350 |
| L-UNGERIJA | 0,61456 | 3 380 080 | 614 560 | 2 458 240 | 614 560 | 1 536 400 | 614 560 | 7 374 720 | 1 843 680 | 9 218 400 |
| MALTA | 0,03801 | 209 055 | 38 010 | 152 040 | 38 010 | 95 025 | 38 010 | 456 120 | 114 030 | 570 150 |
| IN-NETHERLANDS | 4,77678 | 26 272 290 | 4 776 780 | 19 107 120 | 4 776 780 | 11 941 950 | 4 776 780 | 57 321 360 | 14 330 340 | 71 651 700 |
| L-AWSTRIJA | 2,39757 | 13 186 635 | 2 397 570 | 9 590 280 | 2 397 570 | 5 993 925 | 2 397 570 | 28 770 840 | 7 192 710 | 35 963 550 |
| IL-POLONJA | 2,00734 | 11 040 370 | 2 007 340 | 8 029 360 | 2 007 340 | 5 018 350 | 2 007 340 | 24 088 080 | 6 022 020 | 30 110 100 |
| IL-PORTUGALL | 1,19679 | 6 582 345 | 1 196 790 | 4 787 160 | 1 196 790 | 2 991 975 | 1 196 790 | 14 361 480 | 3 590 370 | 17 951 850 |
| IR-RUMANIJA | 0,71815 | 3 949 825 | 718 150 | 2 872 600 | 718 150 | 1 795 375 | 718 150 | 8 617 800 | 2 154 450 | 10 772 250 |
| IS-SLOVENJA | 0,22452 | 1 234 860 | 224 520 | 898 080 | 224 520 | 561 300 | 224 520 | 2 694 240 | 673 560 | 3 367 800 |
| IS-SLOVAKKJA | 0,37616 | 2 068 880 | 376 160 | 1 504 640 | 376 160 | 940 400 | 376 160 | 4 513 920 | 1 128 480 | 5 642 400 |
| IL-FINLANDJA | 1,50909 | 8 299 995 | 1 509 090 | 6 036 360 | 1 509 090 | 3 772 725 | 1 509 090 | 18 109 080 | 4 527 270 | 22 636 350 |
| L-IŻVEZJA | 2,93911 | 16 165 105 | 2 939 110 | 11 756 440 | 2 939 110 | 7 347 775 | 2 939 110 | 35 269 320 | 8 817 330 | 44 086 650 |
| IR-RENJU UNIT | 14,67862 | 80 732 410 | 14 678 620 | 58 714 480 | 14 678 620 | 36 696 550 | 14 678 620 | 176 143 440 | 44 035 860 | 220 179 300 |
| **TOTAL TAL-EU-27 U R-RENJU UNIT** | **100,00** | **550 000 000** | **100 000 000** | **400 000 000** | **100 000 000** | **250 000 000** | **100 000 000** | **1 200 000 000** | **300 000 000** | **1 500 000 000** |

* L-ammont ta' kontribuzzjonijiet ippreżentat fit-tabella ma jinkludix ir-rifużjoni possibbli tal-fondi diżimpenjati tad-9 FEŻ lill-Istati Membri u lir-Renju Unit; u lanqas ir-rifużjoni tal-fondi diżimpenjati tal-10 u tal-11-il FEŻ lir-Renju Unit.

## 5.6. Hemża 6: Il-kontribuzzjonijiet tal-Istati Membri u tar-Renju Unit għall-2023-2026 (EUR)*

| L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT | Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ (%) | 2023 | | 2024 | | 2025 | | 2026 | |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| | | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ | Il-Kummissjoni il-11-il FEŻ | BEI il-11-il FEŻ |
| IL-BELĠJU | 3,24927 | 58 486 860 | 9 747 810 | 38 991 240 | 9 747 810 | 25 994 160 | 292 434 | 19 495 620 | |
| IL-BULGARIJA | 0,21853 | 3 933 540 | 655 590 | 2 622 360 | 655 590 | 1 748 240 | 19 668 | 1 311 180 | |
| IĊ-ĊEKJA | 0,79745 | 14 354 100 | 2 392 350 | 9 569 400 | 2 392 350 | 6 379 600 | 71 771 | 4 784 700 | |
| ID-DANIMARKA | 1,98045 | 35 648 100 | 5 941 350 | 23 765 400 | 5 941 350 | 15 843 600 | 178 241 | 11 882 700 | |
| IL-ĠERMANJA | 20,57980 | 370 436 400 | 61 739 400 | 246 957 600 | 61 739 400 | 164 638 400 | 1 852 182 | 123 478 800 | |
| L-ESTONJA | 0,08635 | 1 554 300 | 259 050 | 1 036 200 | 259 050 | 690 800 | 7 772 | 518 100 | |
| L-IRLANDA | 0,94006 | 16 921 080 | 2 820 180 | 11 280 720 | 2 820 180 | 7 520 480 | 84 605 | 5 640 360 | |
| IL-GREĊJA | 1,50735 | 27 132 300 | 4 522 050 | 18 088 200 | 4 522 050 | 12 058 800 | 135 662 | 9 044 100 | |
| SPANJA | 7,93248 | 142 784 640 | 23 797 440 | 95 189 760 | 23 797 440 | 63 459 840 | 713 923 | 47 594 880 | |
| FRANZA | 17,81269 | 320 628 420 | 53 438 070 | 213 752 280 | 53 438 070 | 142 501 520 | 1 603 142 | 106 876 140 | |
| IL-KROAZJA | 0,22518 | 4 053 240 | 675 540 | 2 702 160 | 675 540 | 1 801 440 | 20 266 | 1 351 080 | |
| L-ITALJA | 12,53009 | 225 541 620 | 37 590 270 | 150 361 080 | 37 590 270 | 100 240 720 | 1 127 708 | 75 180 540 | |
| ĊIPRU | 0,11162 | 2 009 160 | 334 860 | 1 339 440 | 334 860 | 892 960 | 10 046 | 669 720 | |
| IL-LATVJA | 0,11612 | 2 090 160 | 348 360 | 1 393 440 | 348 360 | 928 960 | 10 451 | 696 720 | |
| IL-LITWANJA | 0,18077 | 3 253 860 | 542 310 | 2 169 240 | 542 310 | 1 446 160 | 16 269 | 1 084 620 | |
| IL-LUSSEMBURGU | 0,25509 | 4 591 620 | 765 270 | 3 061 080 | 765 270 | 2 040 720 | 22 958 | 1 530 540 | |
| L-UNGERIJA | 0,61456 | 11 062 080 | 1 843 680 | 7 374 720 | 1 843 680 | 4 916 480 | 55 310 | 3 687 360 | |
| MALTA | 0,03801 | 684 180 | 114 030 | 456 120 | 114 030 | 304 080 | 3 421 | 228 060 | |
| IN-NETHERLANDS | 4,77678 | 85 982 040 | 14 330 340 | 57 321 360 | 14 330 340 | 38 214 240 | 429 910 | 28 660 680 | |
| L-AWSTRIJA | 2,39757 | 43 156 260 | 7 192 710 | 28 770 840 | 7 192 710 | 19 180 560 | 215 781 | 14 385 420 | |
| IL-POLONJA | 2,00734 | 36 132 120 | 6 022 020 | 24 088 080 | 6 022 020 | 16 058 720 | 180 661 | 12 044 040 | |
| IL-PORTUGALL | 1,19679 | 21 542 220 | 3 590 370 | 14 361 480 | 3 590 370 | 9 574 320 | 107 711 | 7 180 740 | |
| IR-RUMANIJA | 0,71815 | 12 926 700 | 2 154 450 | 8 617 800 | 2 154 450 | 5 745 200 | 64 634 | 4 308 900 | |
| IS-SLOVENJA | 0,22452 | 4 041 360 | 673 560 | 2 694 240 | 673 560 | 1 796 160 | 20 207 | 1 347 120 | |
| IS-SLOVAKKJA | 0,37616 | 6 770 880 | 1 128 480 | 4 513 920 | 1 128 480 | 3 009 280 | 33 854 | 2 256 960 | |
| IL-FINLANDJA | 1,50909 | 27 163 620 | 4 527 270 | 18 109 080 | 4 527 270 | 12 072 720 | 135 818 | 9 054 540 | |
| L-IŻVEZJA | 2,93911 | 52 903 980 | 8 817 330 | 35 269 320 | 8 817 330 | 23 512 880 | 264 520 | 17 634 660 | |
| IR-RENJU UNIT* | 14,67862 | 264 215 160 | 44 035 860 | 176 143 440 | 44 035 860 | 117 428 960 | 1 321 076 | 88 071 720 | |
| **TOTAL TAL-EU-27 U R-RENJU UNIT** | **100,00** | **1 800 000 000** | **300 000 000** | **1 200 000 000** | **300 000 000** | **800 000 000** | **9 000 000** | **600 000 000** | |
| | | **2 100 000 000** | | **1 500 000 000** | | **809 000 000** | | **600 000 000** | |

* L-ammont ta' kontribuzzjonijiet ippreżentat fit-tabella ma jinkludix ir-rifużjoni possibbli tal-fondi diżimpenjati tad-9 FEŻ lill-Istati Membri u lir-Renju Unit; u lanqas ir-rifużjoni tal-fondi diżimpenjati tal-10 u tal-11-il FEŻ lir-Renju Unit.

## 5.7. Hemża 7: L-istat tar-riżervi mhux mobilizzabbli u l-impatt tal-bilanċi li jifdal għal kull Stat Membru u għar-Renju Unit (f'miljuni ta' EUR)

F'konformità mal-Artikolu 55 tar-Regolament Finanzjarju tal-11-il FEŻ, it-tabella segwenti tippreżenta l-ammont tar-riżervi tal-fondi diżimpenjati għal kull FEŻ fi tmiem l-2022.

| L-ISTATI MEMBRI U R-RENJU UNIT | Il-koeffiċjent tat-8 FEŻ/tad-9 FEŻ f'% | Il-koeffiċjent tal-10 FEŻ f'% | Il-koeffiċjent tal-10 FEŻ ta' wara l-Brexit* | Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ f'% | Il-koeffiċjent tal-11-il FEŻ ta' wara l-Brexit* | id-9 FEŻ | l-10 FEŻ | il-11-il FEŻ | TOTAL |
|---|---|---|---|---|---|---|---|---|---|
| IL-BELĠJU | 3,92 | 3,53 | 4,1442 | 3,24927 | 3,80827 | 283 619,90 | 1 718 352,58 | 1 861 791,51 | 3 863 763,99 |
| IL-BULGARIJA | | 0,14 | 0,1644 | 0,21853 | 0,25613 | 0,00 | 68 149,96 | 125 214,99 | 193 364,95 |
| IĊ-ĊEKJA | | 0,51 | 0,5987 | 0,79745 | 0,93464 | 0,00 | 248 260,57 | 456 928,98 | 705 189,56 |
| ID-DANIMARKA | 2,14 | 2,00 | 2,3480 | 1,98045 | 2,32116 | 154 833,31 | 973 570,86 | 1 134 773,35 | 2 263 177,53 |
| IL-ĠERMANJA | 23,36 | 20,50 | 24,0667 | 20,57980 | 24,12033 | 1 690 143,09 | 9 979 101,36 | 11 791 970,81 | 23 461 215,27 |
| L-ESTONJA | | 0,05 | 0,0587 | 0,08635 | 0,10121 | 0,00 | 24 339,27 | 49 477,48 | 73 816,75 |
| L-IRLANDA | 0,62 | 0,91 | 1,0683 | 0,94006 | 1,10179 | 44 858,25 | 442 974,74 | 538 642,75 | 1 026 475,74 |
| IL-GREĊJA | 1,25 | 1,47 | 1,7258 | 1,50735 | 1,76667 | 90 440,02 | 715 574,59 | 863 692,90 | 1 669 707,51 |
| SPANJA | 5,84 | 7,85 | 9,2158 | 7,93248 | 9,29718 | 422 535,77 | 3 821 265,64 | 4 545 212,91 | 8 789 014,33 |
| FRANZA | 24,30 | 19,55 | 22,9514 | 17,81269 | 20,87717 | 1 758 153,99 | 9 516 655,20 | 10 206 451,01 | 21 481 260,20 |
| IL-KROAZJA | | | | 0,22518 | 0,26392 | 0,00 | 0,00 | 129 025,35 | 129 025,35 |
| L-ITALJA | 12,54 | 12,86 | 15,0974 | 12,53009 | 14,68576 | 907 294,28 | 6 260 060,66 | 7 179 586,56 | 14 346 941,50 |
| ĊIPRU | | 0,09 | 0,1057 | 0,11162 | 0,13082 | 0,00 | 43 810,69 | 63 956,88 | 107 767,57 |
| IL-LATVJA | | 0,07 | 0,0822 | 0,11612 | 0,13610 | 0,00 | 34 074,98 | 66 535,32 | 100 610,30 |
| IL-LITWANJA | | 0,12 | 0,1409 | 0,18077 | 0,21187 | 0,00 | 58 414,25 | 103 578,97 | 161 993,23 |
| IL-LUSSEMBURGU | 0,29 | 0,27 | 0,3170 | 0,25509 | 0,29898 | 20 982,08 | 131 432,07 | 146 163,41 | 298 577,57 |
| L-UNGERIJA | | 0,55 | 0,6457 | 0,61456 | 0,72029 | 0,00 | 267 731,99 | 352 135,28 | 619 867,27 |
| MALTA | | 0,03 | 0,0352 | 0,03801 | 0,04455 | 0,00 | 14 603,56 | 21 779,26 | 36 382,82 |
| IN-NETHERLANDS | 5,22 | 4,85 | 5,6938 | 4,77678 | 5,59857 | 377 677,52 | 2 360 909,35 | 2 737 035,85 | 5 475 622,72 |
| L-AWSTRIJA | 2,65 | 2,41 | 2,8293 | 2,39757 | 2,81005 | 191 732,84 | 1 173 152,89 | 1 373 777,95 | 2 738 663,68 |
| IL-POLONJA | | 1,30 | 1,5262 | 2,00734 | 2,35268 | 0,00 | 632 821,06 | 1 150 180,99 | 1 783 002,05 |
| IL-PORTUGALL | 0,97 | 1,15 | 1,3501 | 1,19679 | 1,40268 | 70 181,46 | 559 803,25 | 685 745,86 | 1 315 730,57 |
| IR-RUMANIJA | | 0,37 | 0,4344 | 0,71815 | 0,84170 | 0,00 | 180 110,61 | 411 491,07 | 591 601,68 |
| IS-SLOVENJA | | 0,18 | 0,2113 | 0,22452 | 0,26315 | 0,00 | 87 621,38 | 128 647,18 | 216 268,56 |
| IS-SLOVAKKJA | | 0,21 | 0,2465 | 0,37616 | 0,44087 | 0,00 | 102 224,94 | 215 535,03 | 317 759,97 |
| IL-FINLANDJA | 1,48 | 1,47 | 1,7258 | 1,50909 | 1,76871 | 107 080,98 | 715 574,59 | 864 689,90 | 1 687 345,47 |
| L-IŻVEZJA | 2,73 | 2,74 | 3,2167 | 2,93911 | 3,44475 | 197 521,00 | 1 333 792,08 | 1 684 073,67 | 3 215 386,76 |
| IR-RENJU UNIT | 12,69 | 14,82 | | 14,67862 | | 918 147,08 | 112 472 002,04 | 27 679 053,46 | 141 069 202,58 |
| **TOTAL TAL-EU-27 U R-RENJU UNIT** | **100,00** | **100,00** | | **100,00** | | **7 235 201,59** | **153 936 385,17** | **76 567 148,71** | **237 738 735,47** |

* Skont l-Artikolu 153 tal-Ftehim dwar il-Ħruġ, is-sehem tar-Renju Unit mir-riżervi tal-FEŻ ma jistax jerġa' jintuża. Għaldaqstant, il-koeffiċjenti tal-Istati Membri ġew ikkalkulati mill-ġdid fuq il-bażi ta' 100 (nieqes) il-koeffiċjent tar-Renju Unit. Għall-10 FEŻ din il-bażi hija ugwali għal 85,18 (100-14,82) u għall-11-il FEŻ din il-bażi hija ugwali għal 85,32138 (100-14,67862). Pereżempju għall-Belġju, il-koeffiċjent tal-10 FEŻ ta' wara l-Brexit huwa (3,53/85,18)*100